

Brussell, 29 ta' April 2022
(OR. fr)

8513/22

ENER 145

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tal-enerġija fl-UE fil-kontest tal-gwerra fl-Ukrajna - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Bil-ksieb tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill TTE "Enerġija" tat-2 ta' Mejju 2022, id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' spjegazzjoni mħejjija mill-Presidenza Franċiża.

Nota ta' spjegazzjoni – Kunsill TTE (Enerġija) tat-2 ta' Mejju 2022

Id-deċiżjonijiet reċenti meħuda minn Gazprom li tissospendi kompletament il-provvista tal-gass fl-ambitu tal-kuntratti tagħha ma' ċerti Stati Membri jfakkru l-urġenza u l-importanza ta' skambju bejn il-ministri dwar is-sitwazzjoni.

Barra minn hekk, sa mill-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, ġew proposti diversi strumenti mill-Kummissjoni Ewropea biex jindirizzaw l-isfidi tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni Ewropea, bħall-Pjattaforma ta' Xiri Komuni tal-Gass, il-Komunikazzjoni RepowerEU jew ir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass ippubblikati fit-23 ta' Marzu. Dawn flimkien mal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u solidarjetà diġà fis-seħħ, b'mod partikolari fil-kuntest tar-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass.

Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu ddikjara li l-mili mill-ġdid ta' ħażniet ta' gass madwar l-Unjoni għandu jseħħ malajr kemm jista' jkun, b'kont sħiħ meħud tal-miżuri ta' thejjiġa nazzjonali. Bil-ħsieb tax-xitwa li jmiss, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom:

- a) jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' solidarjetà u kumpens meħtieġa għall-ħżin tal-gass;
- b) jaħdmu flimkien fil-qafas tal-Pjattaforma Ewropea għall-Provvista tal-Enerġija fuq xiri komuni volontarju tal-gass, l-LNG u l-idroġenu, filwaqt li jagħmlu l-aħjar użu mill-piż kollettiv politiku u tas-suq tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha biex jimmoderaw il-prezzijiet fin-negozjati;
- c) itejbu l-interkonnexsionijiet tal-gass u tal-elettriku mal-Unjoni Ewropea kollha, inkluż sinkronizzazzjoni sħiħa tal-grilji elettriċi;
- d) jaħdmu biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvisti għall-Istati Membri kollha.

Ġiet stabbilita l-Pjattaforma Komuni ta' Provvista. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass u l-Kummissjoni wettqu analiżi inizjali tar-riskji u l-istat ta' thejjiġa tal-Istati Membri u fil-livell Ewropew, kemm biex jiżguraw provvisti alternattivi kif ukoll biex inaqqsu d-domanda.

Fit-18 ta' Mejju, il-Kummissjoni qed tippjana li tippreżenta l-pjan REPowerEU biex titnaqqas id-dipendenza tal-enerġija tal-UE fuq ir-Russja permezz ta' azzjoni Ewropea konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli.

Fil-kuntest tal-azzjonijiet ta' Gazprom, dan id-dibattitu ministerjali ser iqis l-azzjonijiet addizzjonali possibbli f'termini ta' sigurtà tal-provvista, it-tranżitu tal-gass u l-ġestjoni tal-ħażniet tal-gass, speċjalment bil-ħsieb tal-ġimgħat u x-xhur li ġejjin. Għandu wkoll l-għan li jislet tagħlimiet mill-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass, li tidentifika miżuri li jsaħħu l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri li għandhom jiġu implimentati, u li tidentifika messaġġi komuni li għandhom jinxterdu.

Il-Ministri ser jiġu mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar żewġ mistoqsijiet b'mod partikolari:

1- X'inhi l-analiżi tagħkom tas-sitwazzjoni speċifika tagħkom fid-dawl tal-aħħar żviluppi?

2- Kif tista' tissaħħaħ it-tħejjija tal-UE għal kriżi tal-provvista? X'miżuri u strumenti ta' solidarjetà fl-UE tixtiequ li jiġu promossi f'dan il-kuntest?

Fir-rigward tal-possibbiltà ta' interruzzjoni fil-provvista, il-Ministri ser jiġu mistiedna jiskambjaw l-analiżi tagħhom dwar it-tħejjija, il-miżuri ta' solidarjetà u l-miżuri ta' emerġenza possibbli biex jissaħħaħ u jiġi kkoordinat aħjar l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż dwar il-konsum.